MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Talba Numru. 355/2010

Frutti di Mare Company Limited (C 20089).

Vs

Sovereign Hotels Limited (C 10538).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u tnejn u tletin ewro u tmienja u disghin centezmu (€2,132.98) minghand is-socjeta' konvenuta, rapprezentanti kwantu ghal elfejn, seba' u sitti ewro (€2,067) bilanc ta' prezz ta' prodotti kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta u kwantu ghal hamsa u sittin ewro u tmienja u disghin centezmu (€65.98) bhala spejjes ta' ittra ufficjali numru 7357/09 tal-14 ta' Dicembru 2009. Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-fattura, kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mija u tnejn u tletin ewro u tmienja u disghin centezmu (€2,132.98), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------